

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2488

tal-14 ta' Novembru 2022

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor dwar l-adeżjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE <sup>(1)</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.
- (2) Skont l-Artikolu 45(2) tal-Ftehim, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor jista' jestendi l-Ftehim għal perjodi suċċessivi, ta' mhux aktar minn sentejn kull darba. Sa mill-konklużjoni tiegħu, il-Ftehim ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta' sentejn. Il-Ftehim ġie estiż l-aħħar fit-30 ta' Novembru 2021 u jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (3) L-Artikolu 41 tal-Ftehim jistipula li l-Ftehim hu miftuħ għall-adeżjoni mill-Gvernijiet tal-Istati kollha f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor.
- (4) L-adeżjoni ta' membru ġdid mal-Ftehim wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim teħtieġ l-allokkazzjoni ta' voti tal-membru l-ġdid fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, kif ukoll l-aġġustament tal-voti tal-membri eżistenti, skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim.
- (5) Fis-16 ta' Frar 2021, il-Gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija applika formalment għall-adeżjoni mal-Ftehim. Il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ser jistabbilixxi, matul sessjoni futura tiegħu, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor permezz ta' skambju ta' korrispondenza, il-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija mal-Ftehim.
- (6) Ir-Renju tal-Arabja Sawdija huwa attur importanti fis-settur taz-zokkor fil-livell dinji, u sieħeb kummerċjali importanti tal-Unjoni fil-qasam tal-prodotti agricoli u tal-ikel, inkluż iz-zokkor. L-approvazzjoni tal-adeżjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija mal-Ftehim skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim hija fl-interess tal-Unjoni.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, dwar l-adeżjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992,

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor matul sessjoni futura tiegħu, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor permezz ta' skambju ta' korrispondenza, għandha tkun li tapprova l-adeżjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992, u li tiżgura li l-għadd ta' voti li għandhom jiġu allokati lir-Renju tal-Arabja Sawdija jiġu kkalkulati skont l-Artikolu 25(4) tal-Ftehim.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---